# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta' nhar it-Tlieta 29 ta' Settembru, 2015

**Talba Nru:** 339/15 DMA

**Joseph Mifsud**
**ID. 281863M**

**Vs**

**Roderick Vella**
**ID 420585M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta' April, 2015 fejn l-attur talab ghaliex m'ghandux l-intimat jigi kkundanat ihallas lill-attur is-somma ta' disa' mija u ghoxrin ewro (€920) bil-Vat inkluz ammont dovut bhala xoghol ta' panel beating u spray-painting fuq il-vettura tal-ghamla Volkswagen Polo ta' kulur iswed li kienet thalliet mill-intimat mal-esponenti bl-inkarigu li l-esponenti jwettaq ix-xogholijiet fuq imsemmija fuqa u meta thalliet fil-garaxx tieghu, kienet bla numri ta' registrazzjoni.

Billi l-intimat kienet persuna li ghalkemm mhux maghrufa mill-esponenti kienet imressqa ghandu permezz ra' membru tal-familja tal-esponenti, dan ta' l-ahhar u wara li

saru x-xogholijiet fuq il-vettura kien ippermetta li l-intimat jehodha mill-garaxx fejn saret it-twissija bil-kundizzjoni illi l-hlas tal-ammont dovut kien ser isir ftit zmien wara.

Illi meta issa ghaddew aktar minn seba' xhur u dan l-ammont ghalkemm mitlub baqa' sal-llum ma thallasx l-esponenti kien kostrett jinnizja dawn il-proceduri.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mill-1 ta' Ottubru sad-data tal-pagament effettiv.

Il-konvenuti debitament notifikati baqghu ma dehrux u lanqas ipprezentaw risposta ghat-talba mitluba kontrihom.

Deher l-attur Joseph Mifsud li kkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont ta' disa' mija u ghoxrin ewro (€920) ghadu dovut fl-intier tieghu.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub huwa dovut. Ghalhekk jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallsu l-ammont ta’ disa' mija u ghoxrin ewro (€920) bl-imghax legali sa mid-data tal-prezentat sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur**